

Brussell, 25 ta' Mejju 2022  
(OR. en)

9478/22

JAI 741  
SCHENGEN 53  
SCH-EVAL 61  
FRONT 209  
IXIM 135  
MIGR 154  
ASILE 65  
ENFOPOL 291  
COMIX 256

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 301 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2022

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 301 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 301 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.5.2022  
COM(2022) 301 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U  
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2022**

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Ir-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2022**

*Iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni (iż-“żona Schengen”) hija kisba storika tal-integrazzjoni Ewropea. Sa mill-bidu tagħha fl-1985, din biddlet ir-realtà ta' kuljum ta' miljuni ta' persuni. Il-proġett ta' Schengen neħħa l-ostakli, ġab lin-nies eqreb lejn xulxin u saħħaħ l-ekonomiji Ewropej. Il-veloċità li biha n-nies, il-prodotti u s-servizzi jiċċirkolaw fl-UE tgħin biex tixpruna l-kompetittività Ewropea u tiġġenera l-impjiegi u t-tkabbir.*

*Il-ħolqien taż-żona Schengen għaqqad ukoll il-kontinent billi stabbilixxa żona mingħajr fruntieri, li hija emblematika għall-Ewropej kollha. Dan igawdi appoġġ enormi<sup>1</sup>. Għal ġenerazzjoni sħiħa ta' Ewropej, l-idea li wieħed jiġi soġġett għal verifiki fuq il-fruntiera fil-fruntieri interni tal-UE ftit li xejn hija immaġinabbli. Bis-saħħa ta' Schengen, iċ-ċittadini jistgħu jivvjaġġaw mingħajr xkiel bejn l-Istati Membri biex jesploraw, jistudjaw jew jaħdmu. Barra minn hekk, il-prezz li rridu nħallsu jekk ma jkunx hemm Schengen ikun tassew għoli<sup>2</sup>, kif uriet l-aktar reċentement il-pandemija tal-COVID-19.*

*Tabilħaqq, diversi kriżijiet f'dawn l-aħħar snin urew li din il-kisba ma tistax tittieħed bħala fatt. Iż-żona Schengen iffaċċjat l-ewwel test ewlieni fl-2015 bil-kriżi tal-migrazzjoni, u numru ta' theddidiet serji għas-sigurtà. Aktar reċentement, dehru sfidi ġodda bil-pandemija kif ukoll bin-numru kbir ta' wasliet ta' persuni minħabba l-gwerra fl-Ukrajna.*

*Bis-saħħa tar-riżoluzzjoni tal-UE u tal-Istati Membri u l-progress li nkiseb f'dawn l-aħħar snin, Schengen uriet ir-reżiljenza tagħha u ħarġet minn dawn l-isfidi aktar b'saħħitha. Filwaqt li l-isfidi għadhom jeżistu, Schengen qed taħdem tajjeb b'mod ġenerali. Dan huwa kkonfermat mir-riżultati tal-evalwazzjonijiet regolari ta' Schengen, li juru biss ftit każijiet ta' nuqqasijiet sistemiċi kif ukoll minn għodod oħra li għandna stabbiliti biex nivvalutaw il-funzjonament taż-żona Schengen u l-kapaċitajiet nazzjonali għall-kontroll fil-fruntieri fl-Istati Membri.*

*F'dawn l-aħħar snin, is-sistema ta' Schengen ġiet ittestjata minn diversi kriżijiet, li wasslu għal diskussjonijiet politiċi ad hoc dwar Schengen. Sar evidenti aktar minn qatt qabel li l-kisbiet ta' Schengen ma għandhomx jittieħdu bħala fatt. L-isfidi reċenti kollha enfasizzaw il-ħtieġa li jittieħdu passi deċiżivi biex tittejjeb l-istruttura ta' governanza taż-żona Schengen sabiex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tajjeb tagħha. F'Novembru 2020, il-Kummissjoni stabbiliet il-Forum annwali ta' Schengen bħala l-ewwel pass lejn it-trawwim ta' dibattitu politiku inklużiv iddedikat għall-bini ta' żona Schengen aktar b'saħħitha bbażata fuq fiduċja reċiproka. Skambji politiċi ta' livell għoli kkonfermaw il-ħtieġa ta' governanza aktar b'saħħitha għal Schengen li ġiet imtennija fit-tieni Forum ta' Schengen ta' Mejju 2021.*

*F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni żviluppat mudell ta' governanza ġdid għaż-żona Schengen fil-forma ta' “ċiklu ta' Schengen” li jiżgura “verifika tas-saħħa” regolari tal-istat ta' Schengen. Wara diskussjonijiet fil-Kunsill ĠAI f'Lille, dawn l-ideat bdew jimmaterializzaw bl-ewwel Kunsill ta' Schengen li sar fit-3 ta' Marzu 2022. Schengen, proġett kondiviż, jeħtieġ rispons komuni għall-isfidi attwali u futuri u l-impenn tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-aġenziji rilevanti. Ir-regolament il-ġdid li jirriforma l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen huwa maħsub biex jikkontribwixxi aktar għal dan l-oġġettiv billi jiżgura identifikazzjoni fil-pront tan-nuqqasijiet u proċeduri ta' segwitu effiċjenti.*

<sup>1</sup> Ewrobarometru tax-xitwa 2021/2022.

<sup>2</sup> [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/581383/EPRS\\_STU%282016%29581383\\_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/581383/EPRS_STU%282016%29581383_EN.pdf)

*Din il-governanza msaħħa hija kruċjali biex ikun hemm segwitu għall-aġenda ambizzjuża stabbilita għal Schengen fl-Istrateġija ta' Schengen ippreżentata mill-Kummissjoni f'Ġunju 2021. L-adozzjoni urġenti tal-qafas leġislativ imsaħħa u l-implimentazzjoni huma meħtieġa biex iż-żona Schengen issir aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.*

*Dan ir-rapport dwar l-Istat ta' Schengen jidentifika l-elementi ewlenin tal-mudell il-ġdid ta' governanza għaż-żona Schengen, iqis l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Schengen b'mod ġenerali kif ukoll il-komponenti individwali tagħha u jstabbilixxi l-prijoritajiet għaż-żona Schengen fl-2022/2023. Dan jindirizza wkoll l-obbligi legali tal-Kummissjoni<sup>3</sup> li tirrapporta dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni, ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen, u l-istat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Dan ir-rapport iservi bħala mudell għall-futur: bħala l-ewwel pass taċ-ċiklu annwali ta' Schengen, kull Rapport futur dwar l-Istat ta' Schengen għandu jniedi eżerċizzju ta' rapportar annwali dwar il-preżentazzjoni tal-istat ta' Schengen, l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għas-sena li jmiss u l-għan li jiġu żgurati diskussjonijiet dwar il-progress li jkun sar fi tmiem sena partikolari. Ir-rapport dwar l-Istat ta' Schengen għandu jkun il-bażi għal aktar dialogu politiku, monitoraġġ u infurzar tal-acquis ta' Schengen.*

## **1. It-tisħiħ tal-governanza taż-żona Schengen**

Qasam li jiddependi fuq il-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u fl-aħħar mill-aħħar fuq implimentazzjoni korretta u effiċjenti tal-qafas legali ta' Schengen, jeħtieġ governanza b'saħħitha u strutturata. Wara diskussjonijiet fl-ewwel<sup>4</sup> u fit-tieni<sup>5</sup> Forum ta' Schengen<sup>6</sup> u biex Schengen verament tissaħħa għal perjodu ta' żmien twil, ġie stabbilit mudell ġdid ta' governanza ta' Schengen. Matul l-ewwel Kunsill ta' Schengen ta' Marzu 2022, l-Istati Membri kkonfermaw mill-ġdid din il-ħtieġa u approvaw iċ-ċiklu ta' Schengen ippreżentat mill-Kummissjoni. Dan iċ-ċiklu jipprevedi "verifika tas-saħħa" regolari tal-istat ta' Schengen, li jippermetti li l-problemi jiġu identifikati fi stadju bikri biex tiġi żgurata responsabbiltà komuni u biex jiġi promoss l-użu ta' miżuri xierqa.

**Il-punt tat-tluq taċ-ċiklu annwali ta' Schengen huwa r-rapport annwali tal-Istat ta' Schengen**, li permezz tiegħu l-Kummissjoni tibda l-proċess ta' governanza billi tidentifika l-isfidi ewlenin għaż-żona Schengen u l-azzjonijiet ta' prijorità li għandhom jiġu indirizzati kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew. Bħala parti miċ-ċiklu ta' Schengen, biex tipprovdi aġġornament tas-sitwazzjoni dwar l-istat ta' Schengen, il-Kummissjoni se tippreżenta regolarment barometru ta' Schengen<sup>7</sup>.

---

<sup>3</sup> Dan ir-rapport jindirizza l-obbligu legali tal-Kummissjoni li tipprovdi rapportar skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill 1053/2013 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-Artikolu 33 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (ir-Regolament (UE) 2016/399 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera). Għandu wkoll l-għan li jipprevedi r-rabta ma' rapportar simili ieħor, li s'issa wassal riżultati dwar diversi elementi relatati mal-istat ta' Schengen, il-Komunikazzjoni "Lura lejn Schengen", ir-rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, ir-rapporti dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-rapport tal-Kontrolli sistematiċi, ir-rapport(i) tal-interoperabbiltà, ir-rapport tal-progress tal-Unjoni tas-Sigurtà.

<sup>4</sup> it-30 ta' Novembru 2020.

<sup>5</sup> is-17 ta' Mejju 2021.

<sup>6</sup> Il-Kummissjoni stabbiliet il-Forum ta' Schengen biex tistimula kooperazzjoni aktar konkreta u fiduċja reċiproka li għandhom l-għan li jiġibu momentum politiku billi jqisu l-kisbiet miksuba u l-ostakli esperjenzati u jstabbilixxu t-triq il quddiem għal Schengen.

<sup>7</sup> Il-Kummissjoni ppreżentat Barometru ta' Schengen fl-ewwel Kunsill ta' Schengen f'Marzu 2022.

Id-diskussjonijiet interistituzzjonali fil-**Forum ta' Schengen** u d-deliberazzjonijiet politiċi fil-**Kunsill ta' Schengen**<sup>8</sup> ta' Ġunju se jagħtu l-ispinta politika meħtieġa dwar il-kwistjonijiet strateġiċi ewlenin. L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' prijorità se teħtieġ l-involviment ta' kulħadd. Il-mudell ta' governanza ta' Schengen jipprovdi qafas biex jiżgura segwitu xieraq, bi skambji regolari dwar sfidi komuni, soluzzjonijiet koordinati u kondiviżjoni ta' prattiki tajbin sabiex iwitti t-triq għal implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-azzjonijiet meħtieġa. Matul l-aħħar fazzjiet fl-aħħar tas-sena, id-diskussjonijiet se jiffukaw fuq il-monitoraġġ ta' kif ġew indirizzati l-isfidi ewlenin għal Schengen, inkluża gwida għall-operazzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex"). Dan se jgħin biex jiġi żgurat impenn politiku aktar b'saħħtu għall-governanza Ewropea komuni taż-żona Schengen u jistabbilixxi l-passi meħtieġa għaċ-ċiklu annwali li ġej.


Il-**Mekkaniżmu** l-ġdid ta' **Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen**, li l-Kummissjoni pproponiet f'Ġunju 2021 u li dan l-aħħar ġie adottat mill-Kunsill, se jkollu rwol kruċjali f'dan il-mudell ġdid ta' governanza ta' Schengen. Se jkun il-mekkaniżmu ewlieni biex jiġu identifikati l-isfidi li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri u biex jiġu żgurati azzjonijiet ta' rimedju rapidi. Dan se jgħin biex jiġi evitat li kwalunkwe kwistjoni ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari każijiet ta' nuqqasijiet serji, tipproduċi effetti kollaterali fiż-żona Schengen kollha. L-implimentazzjoni fil-pront ta' din ir-riforma se tiggarrantixxi li ż-żona Schengen tkun mgħammra bi strument aktar effiċjenti, strateġiku u flessibbli biex tindirizza sfidi ġodda, tirreaġixxi għal realtajiet mibdula, u tadatta għal ċirkostanzi ġodda. Il-Kummissjoni diġà qed tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura l-applikazzjoni f'waqtha u effettiva tagħha.

Il-**koordinatur ta' Schengen** tal-Kummissjoni se jmexxi u jikkoordina ċ-ċiklu ta' Schengen, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri.

---

<sup>8</sup> Il-Kunsill ta' Schengen huwa inizjattiva tal-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-UE stabbilita fil-qafas tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni f'Format ta' Kumitat Imħallat (jiġifieri li tinvolvi wkoll il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein) u ddedikata biex f'livell politiku għoli jiġu diskussi kwistjonijiet relatati ma' Schengen, u l-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari l-Aġenziji, jingħaqdu f'diskussjoni.

# Il-governanza msaħħa ta' Schengen: L-EWWEL ĊIKLU TA' SCHENGEN 2022



9

<sup>9</sup> Mill-2023, iċ-Ċiklu ta' Schengen se jitnieda fi Frar bl-adozzjoni tar-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen.

## **Kaxxa 1. L-Ewwel Ċiklu ta' Schengen - Prijoritajiet għall-2022/2023**

L-azzjonijiet ta' prijorità ewlenin għaż-żona Schengen huma:

1. Ġestjoni msaħħa tal-**fruntieri esterni**.
2. Jiġi żgurati li l-**kontrolli fil-fruntieri interni** jkunu miżuri **tal-aħħar rimedju** miżmuma għal perjodu limitat u akkumpanjati minn miżuri ta' mitigazzjoni, fejn meħtieġ.
3. **Sigurtà** interna msaħħa permezz ta' kooperazzjoni msaħħa tal-pulizija fl-UE.

Sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi, l-implimentazzjoni rapida fuq l-azzjonijiet ta' prijorità li ġejjin hija indispensabbli:

- L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika strateġika pluriennali għall-**Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri**;
- L-iżgurar ta' kontrolli sistematiċi fil-fruntieri esterni tal-vjaġġaturi kollha;
- L-implimentazzjoni tal-**arkitettura l-ġdida tal-IT** u l-**interoperabbiltà għall-ġestjoni tal-fruntieri** fil-ħin sal-2023;
- L-applikazzjoni tal-**Mekkaniżmu l-ġdid ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen**;
- L-iżgurar ta' implimentazzjoni sħiħa tal-mandati tal-**Frontex** u tal-**Europol**;
- It-tisħiħ tas-sistemi nazzjonali ta' ritorn;
- L-użu sħiħ tal-**għodod ta' kooperazzjoni tal-pulizija** transfruntiera disponibbli;
- It-tneħħija tal-**kontrolli fil-fruntieri interni** li ilhom jeżistu kollha.

Prijorità ewlenija oħra għat-titjib tal-qafas leġiżlattiv hija li jiġu adottati malajr il-proposti mressqa mill-Kummissjoni, inklużi:

- Emenda għall-**Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen**.
- Proposti għall-**Kooperazzjoni tal-Pulizija**.
- Il-proposta tal-**iskrinjar**.

## **2. Progress skont l-Istrateġija ta' Schengen**

Bl-Istrateġija ta' Schengen, il-Kummissjoni stabbiliet il-miżuri għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen. Mill-adozzjoni tagħha f'Ġunju 2021, il-Kummissjoni żammet mal-wegħda tagħha u żgurati li l-għodod biex tiġi sostnuta ż-żona Schengen jitressqu malajr. It-tliet pilastri li fuqhom hija mibnija ż-żona Schengen: **ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni, miżuri li jikkompensaw għan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni** u **governanza robusta**, kollha ġew imsaħħa u mgħammra b'għodod aġġornati biex ikunu adattati biex jindirizzaw b'mod effettiv ċirkostanzi ġodda. Issa wasal iż-żmien li jitwettqu l-proposti u l-impenji pendenti, bl-involviment tal-Istati Membri u ta' partijiet ikkonċernati oħrajn indispensabbli biex tiġi żgurata responsabbiltà komuni.

L-implimentazzjoni ta' waħda mill-aktar sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri teknoloġikament avvanzati fid-dinja għadha prijorità ewlenija. Matul l-aħħar sena, l-Istati Membri, l-eu-LISA<sup>10</sup> u l-Kummissjoni komplew iżidu l-isforzi biex jimplementaw **l-arkitettura u l-interoperabbiltà l-ġdida tal-IT** f'konformità mal-iskedi ta' żmien miftiehma. Issa huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurati li l-partijiet ikkonċernati kollha jieħdu l-passi meħtieġa fil-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltajiet tagħhom biex jevitaw dewmien ġdid li jqiegħed f'riskju l-iskeda ta' żmien kumplessiva<sup>11</sup> biex ikollhom l-arkitettura u l-interoperabbiltà l-ġodda kollha fis-seħħ sa tmiem l-

<sup>10</sup>L-eu-LISA hija l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea li tiġġestixxi l-operazzjonijiet ta' sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira, li tamministra kwistjonijiet dwar il-libertà, il-ġustizzja u s-sigurtà.

<sup>11</sup> Id-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) imġedda huwa pplanat għal Settembru 2022 u l-Kummissjoni se tadotta deċizzjoni biex tistabbilixxi d-data eżatta għall-applikazzjoni sħiħa tar-Regolamenti l-ġodda, ladarba r-rekwiżiti jiġu ssodisfati (l-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2018/1862); Id-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) ġie pospost għal Novembru 2022. Id-dħul fis-seħħ tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) huwa skedat għal Mejju 2023.

2023. Id-dewmien fil-kunsinni, il-punti ta' qsim tal-fruntiera b'nuqqas ta' tagħmir u l-kwistjonijiet tal-kwalità jistgħu jikkawżaw effett domino fuq sistemi u funzjonalitajiet oħra.

Ittieħdu passi importanti biex il-preżentazzjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża jiġu modernizzati u jsiru aktar effiċjenti filwaqt li tissaħħaħ is-sigurtà taż-żona Schengen. Id-dokumentazzjoni diġitali hija kemm aktar effiċjenti kif ukoll aktar sigura. Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta dwar id-**diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża**.

F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat sett ta' proposti dwar Schengen u l-Kooperazzjoni tal-Pulizija. Il-proposta għal reviżjoni tal-**Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen**<sup>12</sup> hija maħsuba biex iġġib aktar ċarezza fir-rigward tar-regoli dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni u l-użu ta' miżuri alternattivi. Din tipproponi wkoll li jiġu stabbiliti għodod komuni għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni b'mod aktar effiċjenti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, bħal fil-konfront ta' kriżi tas-saħħa pubblika jew f'sitwazzjoni fejn il-migranti jiġu strumentalizzati għal finijiet politiċi.

Dawn il-miżuri huma kkomplementati minn proposti leġiżlattivi biex tissaħħaħ is-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà. Il-**proposti dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija**<sup>13</sup> se jipprevedu qafas legali koerenti tal-UE biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom aċċess ekwivalenti għall-informazzjoni miżmuma minn Stati Membri oħrajn biex jiġġieldu l-kriminalità u t-terroriżmu. Il-kooperazzjoni effiċjenti u bla xkiel tal-pulizija se tgħin biex tingħata spinta lill-prevenzjoni, lid-detezzjoni u lill-investigazzjoni ta' reati kriminali fl-UE, biex tittrawwem is-sigurtà għal kull min jgħix u jiċċaqtaq fiż-żona Schengen. L-istandards komuni għal pattulji konġunti se jiffaċilitaw il-ħidma bejn l-uffiċjali tal-pulizija li jipparteċipaw u li jaġixxu fit-territorju ta' pajjiżi oħrajn tal-UE, filwaqt li jipromwovu wkoll kultura komuni tal-UE għall-ħidma tal-pulizija. Progress rapidu fl-ilħuq ta' qbil dwarhom jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li ż-żona Schengen tiffunzjona sew. Huwa mistenni li l-proċess tan-negozjati jiġi ffinalizzat fl-2023.

It-tisħiħ tas-sigurtà f'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jeħtieġ fruntieri esterni siguri. Mill-2017, l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen kienu meħtieġa jwettqu **kontrolli sistematiċi skont il-bażijiet ta' data rilevanti dwar il-persuni kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE**<sup>14</sup>, inklużi persuni li jgawdu mid-dritt għall-moviment liberu. Din il-miżura kienet maħsuba biex issaħħaħ is-sigurtà interna tal-UE wara sejbiet li ċ-ċittadini tal-UE kienu fost għellieda terroristi barranin li rritornaw fl-UE. Ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill janalizza l-implimentazzjoni u l-impatt ta' dawn il-kontrolli sistematiċi. Dan isib li l-applikazzjoni ta' kontrolli sistematiċi kontra bażijiet ta' data rilevanti dwar persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni mliet lakuna regolatorja importanti, minkejja l-isfidi li jiffaċċjaw l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli. Il-Kummissjoni beħsiebha tindirizza dawk l-isfidi u tappoġġa lill-Istati Membri billi tuża "liġi mhux vinkolanti", b'mod

---

<sup>12</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera, COM(2021) 891, 14.12.2021.

<sup>13</sup> Dawn ikopru Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija (COM/2021/780 final), Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri (COM/2021/782 final), u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija (COM/2021/784 final).

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/458 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar it-tisħiħ tal-verifiki fuq il-fruntieri esterni ma' bażijiet ta' data rilevanti, ĠU L 74, 18.3.2017, p. 1-7.

partikolari r-rieżami li jmiss tal-Manwal Prattiku għall-Gwardji tal-Fruntiera<sup>15</sup>, li jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jwettqu kontrolli fil-fruntieri fuq il-persuni.

## **Kaxxa 2. Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta – Żviluppi ewlenin**

- Sar progress importanti biex ir-Regolament tal-2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta jiġi operazzjonalizzat<sup>16</sup>.
- Mill-1 ta' Jannar 2021, il-Frontex bdiet tappoġġa lill-Istati Membri fil-protezzjoni tal-fruntieri esterni u fir-ritorn permezz tal-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Il-korp permanenti issa huwa magħmul minn aktar minn 6 000 uffiċjal, u se jilħaq il-kapaċità sħiħa tiegħu ta' 10 000 uffiċjal sal-2027. Bħalissa, bħala medja, kuljum, il-Frontex tuża 2 000 uffiċjal fil-fruntieri esterni tal-art, tal-baħar u tal-ajru u b' appoġġ għar-ritorn.
- Ċiklu ġdid ta' politika strateġika se jkollu l-għan li jiggarrantixxi użu effettiv u koerenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, li jgħaqqad flimkien aktar minn 120 000 gwardjan tal-fruntiera u tal-kosta u esperti tar-ritorn tal-Istati Membri u tal-Frontex. Dan il-qafas se jgħaqqad aħjar diversi politiki u għodod u għandu l-għan li jagħlaq il-lakuni bejn il-protezzjoni tal-fruntieri, is-sigurtà, ir-ritorn u l-migrazzjoni, filwaqt li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.
- Wara l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tnediet illum, il-Kummissjoni qed tippjana li tadotta sa tmiem l-2022 l-ewwel politika strateġika pluriennali għall-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri, li għandha tiġi implimentata u komplementata bl-istrateġiji li se jiġu adottati mill-Frontex u mill-awtoritajiet nazzjonali.
- Se tiġi pprovduta tmexxija strateġika addizzjonali f'laqgħa ta' livell għoli tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija. Il-laqgħat tal-Kunsill ta' Schengen jipprevedu wkoll l-opportunità li darba fis-sena jiġu diskussi f'livell politiku kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, inkluża l-Frontex.
- Fil-21 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat ukoll mudell għall-arranġamenti ta' ħidma li għandhom jintużaw mill-Frontex meta tikkoopera ma' pajjiżi terzi u mudell ta' ftehim dwar l-istatus biex jiġi regolat l-iskjerament ta' timijiet tal-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta f'pajjiżi terzi.
- Fil-qasam tar-ritorn, il-Frontex għamlet ukoll progress importanti fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħha li tappoġġa lill-Istati Membri dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni. B'mod partikolari, Viċi Direttur Ġenerali għar-Ritorn u l-Operazzjonijiet ħa l-kariga fi Frar 2022 u jissorvelja Diviżjoni tar-Ritorn ġdida.
- Jingħata appoġġ imsaħħaħ lill-Istati Membri fil-qasam tar-ritorn volontarju u ġew immedija s-Servizzi Konġunti ta' Riintegrazzjoni tal-Frontex biex jipprovdut appoġġ għar-riintegrazzjoni lill-Istati Membri minn April 2022.
- Il-Frontex qed tavvanza fl-istabbiliment tal-kapaċitajiet tagħha li torganizza operazzjonijiet ta' ritorn fuq l-inizjattiva proprja tal-Aġenzija bl-ewwel titjira ta' suċċess li ġiet organizzata lejn l-Albanija f'Jannar 2022.
- L-Aġenzija sarulha bidliet strutturali importanti bi tliet Viċi Diretturi Eżekuttivi li ħadu l-kariga rispettivament f'Novembru 2021, f'Jannar 2022 u fi Frar 2022.
- Ġew stabbiliti l-elementi kostitwenti ewlenin kollha ta' sistema ta' monitoraġġ li tiffunzjona bis-sħiħ biex tiġi żgurata l-konformità tal-attivitajiet tal-Frontex mad-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari, Uffiċjal ġdid għad-Drittijiet Fundamentali u Viċi Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali bdew jaħdmu rispettivament f'Ġunju 2021 u f'Marzu 2022. Il-ħidma tagħhom hija appoġġata minn 20 Superviżur tad-Drittijiet Fundamentali u l-għadd tagħhom se jiżdied għal 46 Superviżur sal-aħħar tas-sajf.
- Il-Frontex twettaq komputu ta' importanza kritika biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni komuni tal-Unjoni Ewropea. Sabiex tiġi żgurata kontinwità sħiħa tal-

<sup>15</sup> C(2019) 7131 final, 8.10.2019.

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019.

Aġenzija, il-Kummissjoni se tipproċedi malajr bil-proċess ta' reklutaġġ li jwassal għall-ħatra ta' Direttur Eżekuttiv ġdid.

- Il-Bord tat-Tmexxija tal-Frontex se jkompli jsahha aktar is-sorveljanza tal-ġestjoni interna tal-Aġenzija u tal-attivitajiet tagħha. Fl-istess ħin, minħabba l-mandat imsaħħa u r-riżorsi msaħħa b'mod sinifikanti, l-Aġenzija għandha tiżgura r-responsabbiltà sħiħa tagħha lejn l-istituzzjonijiet tal-UE. Fil-vjaġġ lejn l-evalwazzjoni li jmiss tal-funzjonament tal-Aġenzija, il-Kummissjoni se tnedi djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill fir-rigward tal-governanza tal-Aġenzija.

### 3. L-istat taż-żona Schengen

#### 3.1. Is-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni

Mijiet ta' miljuni ta' persuni jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE kull sena u b'hekk jagħmlu l-UE l-aktar destinazzjoni li miftuħa fid-dinja. Illum, madwar 1,3 biljun persuna minn madwar 60 pajjiż madwar id-dinja jistgħu jibbenefikaw minn ivvjaġġar mingħajr viża lejn l-Unjoni Ewropea.

Għalkemm il-maġġoranza l-kbira taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaslu fl-UE b'mod awtorizzat, il-migrazzjoni irregolari għadha sfida. Fl-2021, il-Frontex irrapportat 200 000 qasma mhux awtorizzata tal-fruntieri. Matul dik is-sena, il-wasliet irregolari fil-Litwanja, fil-Polonja u fil-Latvja kienu aktar minn għaxar darbiet ogħla minn dawk fl-2020 minħabba l-**istrumentalizzazzjoni** tal-migranti għal finijiet politiċi organizzati mir-reġim tal-Belarussja. Madankollu, minħabba l-azzjoni determinata u deċiżiva tal-UE, is-sitwazzjoni issa stabbilizzata u l-għadd ta' wasliet mill-Belarussja naqas b'mod sinifikanti.



F'termini ta' xejriet, ir-**rotta tal-Mediterran Ċentrali, bl-Italja bħala l-pajjiż tad-destinazzjoni ewlieni**, reġgħet kienet il-perkors migratorju l-aktar użat għall-migrazzjoni irregolari lejn l-UE fl-2021 (34 % tal-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri irrapportat). Din ix-xejra kompliet fl-2022: mit-8 ta' Mejju 2022, ġew irrapportati kważi 11 800 wasla fuq din ir-rotta, tnaqqis ta' 7,6 % meta


mqabbel mal-istess perjodu s-sena l-oħra. L-għadd totali ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri fl-2022, mit-8 ta' Mejju, huwa ta' 11 797 lejn l-Italja u ta' 1 biss lejn Malta. Il-wasliet fi Spanja permezz tar-rotot tal-**Mediterran tal-Punent** u tal-**Afrika tal-Punent** ukoll baqgħu għoljin: mit-8 ta' Mejju 2022, ġew irreġistrati 10 475 qasma mhux awtorizzata tal-fruntieri, 32 % aktar milli fl-istess perjodu tal-2021. Filwaqt li l-wasliet lejn Spanja kontinentali naqsu fl-2022 meta mqabbla mal-istess perjodu tal-2021, kien hemm żieda sinifikanti (53 %) fil-wasliet fil-Gżejjer Kanarji.

Filwaqt li l-pressjoni migratorja kompliet tonqos fil-**Greċja**, il-wasliet f'**Ċipru** żdiedu b'mod sinifikanti (b'123 %) fl-2021, meta mqabbla mal-2020. Fl-2022, mit-8 ta' Mejju, ġew irrapportati 3 031 wasla fil-Greċja (żieda ta' 24 % meta mqabbla mal-istess perjodu tal-2021) u 6 755 f'**Ċipru** (żieda ta' 142 %).

Il-pressjoni żdiedet ukoll fuq ir-**rotta tal-Balkani tal-Punent** fejn ġew irrapportati 19 029 qasma mhux awtorizzata tal-fruntieri fl-ewwel tliet xhur tal-2022, żieda ta' 125 % meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel.

Il-wasliet irregolari mill-**Afganistan** lejn l-UE żdiedu minn meta t-Taliban ħaduh f'idejhom f'Awwissu 2021 iżda baqgħu f'livelli moderati.

Skont il-Europol<sup>17</sup>, aktar minn 90 % tal-migranti irregolari li jaslul fl-UE jaqgħu minn persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' persuni, jew matul partijiet tal-vjaġġ tagħhom jew matulu kollu. Żewġ terzi minnhom ma jissodisfawx il-kriterji biex jingħataw protezzjoni internazzjonali mal-ewwel darba u eventwalment ikunu meħtieġa jiġu ritornati.



<sup>17</sup> [Faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni Illegali | Europol \(europa.eu\)](https://europa.eu)

### **Kaxxa 3. L-aggressjoni Russa tal-Ukrajna – l-akbar spostament Ewropew ta’ persuni mit-Tieni Gwerra Dinjija u r-rispons immedjat tal-UE**

Mill-bidu tal-invazzjoni militari tal-Ukrajna mir-Russja, madwar 6 miljun persuna daħlu fl-Unjoni Ewropea mill-Ukrajna u mill-Moldova, li minnhom 200 000 huma ċittadini mhux Ukreni ta’ pajjiżi terzi. L-Ukreni li għandhom passaport bijometriku jaslu bħala vjaġġaturi mingħajr viża u spiss jingħaqdu mal-familji u l-ħbieb tagħhom fi Stati Membri differenti.

L-UE mmaniġġjat il-konsegwenzi enormi b’mod effettiv billi bbażat fuq miżuri kemm fi ħdan kif ukoll lil hinn mill-*acquis* ta’ Schengen:

- Minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali fil-fruntieri tal-Unjoni mal-Ukrajna, il-Kummissjoni ppreżentat linji gwida operazzjonali<sup>18</sup> maħsuba biex jgħinu lill-gwardji tal-fruntiera tal-Istati Membri jimmaniġġjaw il-wasliet fil-**fruntieri b’mod effiċjenti**, filwaqt li jinżamm livell għoli ta’ sigurtà.
- Fl-4 ta’ Marzu 2022, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, adotta b’mod unanimu għall-ewwel darba d-deċiżjoni ta’ implimentazzjoni<sup>19</sup> li tintroduċi protezzjoni temporanja<sup>20</sup> minħabba influż bil-massa ta’ persuni li jaħarbu mill-Ukrajna b’konsegwenza tal-gwerra.
- L-attività tan-*Network* tal-Mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni (in-“*Network Blueprint*”)<sup>21</sup> ġiet intensifikata sabiex jiġi żgurat l-iskambju kostanti ta’ informazzjoni u rispons koordinat għall-isfidi kkawżati minn tali avvenimenti.
- Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll il-**Pjattaforma ta’ Solidarjetà**, li tlaqqa’ flimkien l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma’ Schengen, l-Aġenziji tal-UE, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, bil-parteċipazzjoni tal-Ukrajna u tal-Moldova, biex tikkoordina l-appoġġ għan-nies li jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna u għall-pajjiżi li jilqgħuhom.
- Fil-Kunsill Straordinarju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tat-28 ta’ Marzu, il-Kummissjoni ppreżentat pjan ta’ azzjoni ta’ 10 punti<sup>22</sup>, miftiehem minn qabel mal-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-UE, biex tiġi ffaċilitata koordinazzjoni Ewropea aktar b’saħħitha dwar kif jintlaqgħu n-nies li qed jaħarbu mill-gwerra kontra l-Ukrajna.
- L-**aġenziji tal-UE** taw appoġġ konkret malajr:
  - Il-**Frontex** minnufih skjerat persunal addizzjonali fil-fruntieri bejn l-UE u l-Ukrajna fil-qafas tal-Operazzjoni Konġunta Terra<sup>23</sup>, li diġà teżisti, u wkoll wara talbiet mill-Istati Membri. Mis-27 ta’ April 2022, 297 Korp Permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta ġew skjerati fil-fruntieri esterni tal-UE tal-Lvant (inklużi mal-Ukrajna, il-Moldova, ir-Russja u l-Belarusja). Il-Frontex għenet ukoll lil 718-il ċittadini ta’ pajjiżi terzi li kienu qed jaħarbu mill-gwerra biex jirritornaw b’mod sikur lejn il-pajjiżi ta’ oriġini tagħhom.
  - Il-Frontex qed tappoġġa b’mod attiv u fil-prattika l-isforzi tal-awtoritajiet tal-Moldova fuq il-post biex jindirizzaw l-isfidi doppji tar-regolamentazzjoni tal-influss u l-ħruġ sussegwenti ta’ mijiet ta’ eluf ta’ rifuġjati li jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna. Wara l-konklużjoni f’ħin rekord ta’ Ftehim dwar l-istatus mal-Moldova, mis-27 ta’ April, 70 uffiċjal tal-Korp Permanenti tal-

<sup>18</sup> [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022XC0304\(10\)&from=EN](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022XC0304(10)&from=EN)

<sup>19</sup> Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta’ Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta’ influż bil-massa ta’ persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja.

<sup>20</sup> Il-protezzjoni temporanja tipprovdi lin-nies li jaħarbu mill-gwerra bi dritt għal permess ta’ residenza, aċċess għal akkomodazzjoni xierqa, għas-suq tax-xogħol, kura medika, assistenza soċjali, edukazzjoni u opportunitajiet għall-familji biex jerġgħu jingħaqdu f’ċerti ċirkostanzi, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta’ aċċess għall-proċedura tal-ażil.

<sup>21</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1366 tat-23 ta’ Settembru 2020 dwar mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet b’rabta mal-migrazzjoni.

<sup>22</sup> [https://ec.europa.eu/home-affairs/10-point-plan-stronger-european-coordination-welcoming-people-fleeing-war-ukraine\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/10-point-plan-stronger-european-coordination-welcoming-people-fleeing-war-ukraine_en)

<sup>23</sup> L-operazzjoni konġunta Terra 2022 organizzata mill-Frontex qed titwettaq f’madwar 12-il Stat Membru tal-UE u tkopri 62 punt ta’ qsim tal-fruntiera. B’kolloxx, aktar minn 450 uffiċjal tal-korp permanenti minn 28 pajjiż tal-UE u ta’ Schengen jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali fil-ġestjoni tal-fruntieri. L-għan tal-operazzjoni huwa li ssaħħa il-kontroll fil-fruntieri tal-art tal-UE, tgħin lill-pajjiżi fil-għieda kontra l-kriminalità transfruntiera u ssaħħa is-sigurtà interna tal-UE.

Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta ġew skjerati fil-Moldova.

- L-esperti tal-**Europol** u l-uffiċjali mistiedna skjerati fil-fruntieri esterni tal-UE qed jappoġġaw lill-Istati Membri, isaħħu l-kontrolli sekondarji tas-sigurtà kif ukoll janalizzaw l-informazzjoni kriminali biex ikunu jistgħu jappoġġaw l-investigazzjonijiet u jipproduċu stampa sħiħa tal-intelligence kriminali u analiżi konsolidata tad-*data*.
- L-**Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali** żaret l-Istati Membri kollha li jmissu mal-Ukrajna u l-Moldova, filwaqt li osservat u analizzat is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u fiċ-ċentri ta' reġistrazzjoni/akkoljenza.
- Wara l-proposta tal-Kummissjoni, mill-25 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta **sospensjoni parzjali tal-faċilitazzjoni tal-viża bejn l-UE u r-Russja**.

B'mod ġenerali, l-eżistenza stess ta' żona Schengen ħielsa mill-fruntieri pprovdiet opportunità unika għall-Ewropa biex twieġeb b'mod koeżiv għall-isfidi, u offriet kemm opportunità lil dawk li qed jaħarbu biex igawdu mill-protezzjoni fil-pajjiż l-aktar adattat għalihom kif ukoll l-iffaċilitar ta' offerti ta' solidarjetà u trasferimenti mill-Istati Membri l-aktar esposti għal oħrajn.

### 3.2. Is-sitwazzjoni fil-fruntieri interni

Minn Settembru 2015, il-kontrolli fil-fruntieri interni reġġu ġew introdotti aktar minn 280 darba. Hemm tliet ġustifikazzjonijiet ewlenin li għalihom l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni bl-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri fiż-żona Schengen: 1. dawk li ġew introdotti mill-ġdid minħabba l-kriżi tar-rifuġjati tal-2015 għal raġunijiet ta' movimenti sekondarji, 2. dawk li ġew introdotti mill-ġdid fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u 3. dawk introdotti biex jillimitaw it-tixrid tal-COVID-19.

Matul is-snin, il-Kummissjoni żammet djalogu politiku u tekniku mill-qrib ma' dawk l-Istati Membri li għandhom kontrolli fit-tul fil-fruntieri interni, bil-għan li tintfiehem is-sitwazzjoni, u jiġu esplorati għażliet għal miżuri alternattivi speċifiċi. Fl-2017, il-Kummissjoni pproponiet li timmodifika r-regoli applikabbli, filwaqt li tibni fuq ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni<sup>24</sup> adottati fl-istess sena bil-għan li twitti t-triq biex jitneħħew il-kontrolli li ilhom żmien twil fis-seħħ fil-fruntieri interni. Madankollu, dik il-proposta ma rċevietx appoġġ suffiċjenti fil-Kunsill. B'riflessjoni fuq dawk id-diskussjonijiet u abbażi ta' konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati<sup>25</sup>, f'Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat emendi ġodda għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jissostitwixxi l-proposta preċedenti tagħha. L-emendi mmirati proposti jibbażaw fuq it-tagħlimiet meħuda kif ukoll fuq l-esperjenzi miġbura matul il-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jindirizzaw it-tħassib li tqajjem mill-Istati Membri filwaqt li jippreservaw iż-żona Schengen fejn kwalunkwe kontroll fil-fruntieri interni għandu jibqa' miżura tal-aħħar rimedju.

Fis-sentenza reċenti fil-Kawżi Magħquda C-368/20 u C-369/20<sup>26</sup> il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li bħala miżura eċċezzjonali, il-possibbiltà tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontroll fil-fruntieri interni trid tiġi interpretata b'mod strett<sup>27</sup>. Il-Kummissjoni u l-Kunsill nedew diskussjonijiet mal-

<sup>24</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/820 tat-12 ta' Mejju 2017 dwar verifiki proporzjonati tal-pulizija u kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen, C(2017) 3349, ĠU L 122, 13.5.2017, p. 79–83, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1804 tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli tal-fruntieri interni fiż-żona Schengen, C(2017) 6560, ĠU L 259, 7.10.2017, p. 25–27.

<sup>25</sup> Kif deskritt fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta COM(2021) 891, bejn Novembru 2020 u Frar 2021 saret konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li kienet tinkludi, primarjament, partijiet ikkonċernati fil-mira permezz tal-Forum ta' Schengen u workshops tematiċi maqsuma skont is-suġġett u l-partijiet ikkonċernati involuti. Din kienet tinkludi l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, it-trasportaturi u NGOs.

<sup>26</sup> Is-sentenza tikkonċerna l-legalità tal-estensjonijiet tal-kontrolli fil-fruntieri interni lil hinn mil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u ġġib kjarifiki importanti f'dan ir-riġward.

<sup>27</sup> Ara l-punt 69 tas-sentenza C-368/20.

Istati Membri dwar l-implikazzjonijiet tas-sentenza. Sadanittant, il-Kummissjoni qed tivvaluta mill-ġdid l-aktar notifikati ta' kontrolli fil-fruntieri interni fid-dawl tas-sentenza.

#### **Kaxxa 4. L-impatt tal-COVID-19**

Il-pandemija tal-COVID-19 esponiet il-ħtieġa ta' qafas stabbli għall-koordinazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-fruntieri esterni u fiż-żona Schengen f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Fil-bidu tal-pandemija, il-maġġoranza tal-Istati Membri introduċew mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni u l-koordinazzjoni komuni bejniethom seħħet biss wara u xi drabi ġie pperikolat il-funzjonament xieraq tas-suq Uniku. Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni stiednet lill-Kunsill jiehū deċiżjoni koordinata<sup>28</sup> fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għall-ivvjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi lejn iż-żona Schengen. Din is-sejħa ġiet segwita mill-Istati Membri kollha tal-UE (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda) u mill-Pajjiżi Assoċjati kollha ta' Schengen u aktar tard ġiet inkluża f'Rakkomandazzjoni tal-Kunsill<sup>29</sup>. Madankollu, l-Istati Membri applikaw din ir-Rakkomandazzjoni b'modi differenti ħa'fna, u b'hekk poġġew f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen. Il-miżuri ta' koordinazzjoni *ad hoc* stabbiliti mill-Kummissjoni matul l-aħħar sentejn għenu biex il-kriżi tiġi ġestita b'mod aktar ordnat. Il-Kummissjoni ħadmet ukoll flimkien mal-Istati Membri biex tidentifika l-ħtiġijiet tagħhom biex jindirizzaw il-pandemija b'mod effettiv, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) tal-Kunsill. Madankollu, il-kriżi żvelat ukoll il-ħtieġa ta' qafas legali speċifiku għal tali azzjonijiet fil-fruntieri esterni f'każ ta' xi sitwazzjoni simili fil-futur u dan jifforma parti mill-proposta tal-Kummissjoni għal emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, adottata f'Diċembru 2021. Iċ-ċirkostanzi tal-pandemija affettwaw ukoll l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proċess ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi.

### **3.3. It-tlestija taż-żona Schengen**

Mill-2011, il-Kummissjoni kienet qed tippromwovi b'mod attiv it-tlestija ta' Schengen, u ħeġġet lill-Istati Membri biex jieħdu malajr il-passi meħtieġa biex jippermettu lil dawk l-Istati Membri tal-UE li għadhom ma humiex kompletament parti miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jissieħbu. Dan se jżid is-sigurtà fl-UE kollha kemm hi.

Matul l-aħħar xhur, ittieħdu passi politiċi importanti. F'Diċembru 2021, il-Kunsill irrikonoxxa<sup>30</sup> li l-Kroazja kienet issodisfat il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen. Issa huwa f'idejn il-Kunsill li jressaq abbozz ta' Deċiżjoni<sup>31</sup> dwar it-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni u li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

Barra minn hekk, ir-Rumanija u l-Bulgarija qed jistennew ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill, filwaqt li jkomplu japplikaw b'mod attiv l-*acquis* ta' Schengen, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni mal-Ukrajna. Mill-2011, il-Kummissjoni kkonfermat li l-Bulgarija u r-Rumanija jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jissieħbu f'Schengen. Iż-żewġ Stati Membri, fil-kuntest tal-Mekkaniżmu riformat ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen, għamlu dikjarazzjoni konġunta<sup>32</sup> lill-Kunsill li tenfasizza l-impenn tagħhom li japplikaw b'mod korrett l-*acquis* ta' Schengen u li jikkontribwixxu għall-funzjonament xieraq taż-żona mingħajr

<sup>28</sup> COM(2020) 115 final.

<sup>29</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni, 30.06.2020.

<sup>30</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen fil-Kroazja.

<sup>31</sup> Din id-Deċiżjoni għandha tiġi adottata b'unanimità tal-membri tiegħu li jirrappreżentaw lill-Istati Membri li diġà japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti kif ukoll tal-Istat Membru aderenti.

<sup>32</sup> SUMMARY RECORD PERMANENT REPRESENTATIVES COMMITTEE tat-28 ta' Frar, it-2 u l-4 ta' Marzu 2022 <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7304-2022-INIT/en/pdf> taħt il-punt 26.

kontrolli fil-fruntieri interni. Biex jissostanzjaw dan l-impenn u biex isaħħu l-fiduċja reċiproka, huma stiednu fuq bażi volontarja tim taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni, biex jivvaluta l-applikazzjoni tal-aħħar żviluppi tal-*acquis* ta' Schengen mill-evalwazzjonijiet tal-2011, b'enfasi fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-kooperazzjoni tal-pulizija. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tikkoordina u timplimenta dawn il-valutazzjonijiet volontarji. Il-Kummissjoni għal darb'oħra tappella lill-Kunsill biex jieħu l-passi meħtieġa biex jikkonsolida ż-żona Schengen billi jadotta d-deċiżjoni li tippermetti lill-Bulgarija, lill-Kroazja u lir-Rumanija jsiru formalment parti minnha<sup>33</sup>.

Il-proċess ta' evalwazzjoni ta' Schengen biex tiġi vvalutata r-rieda li wieħed jissieħeb fiż-żona Schengen għadu għaddej għal Ċipru wkoll. Fit-3 ta' Mejju 2022, il-Parlament Ewropew adotta, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, ir-rapport dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'Ċipru b'maġġoranza kbira. Bħala l-pass li jmiss, fit-tieni nofs tal-2022, il-Kunsill huwa mistenni jadotta Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'Ċipru, li għandha tiġi segwita minn evalwazzjoni tal-operat tas-sistema.

#### **4. Prijoritajiet li jirriżultaw mill-evalwazzjonijiet ta' Schengen**

Flimkien ma' governanza robusta, żona Schengen li tiffunzjona tajjeb tiddependi fuq l-implimentazzjoni korretta u f'waqtha tal-*acquis* ta' Schengen. Dawn ir-regoli jiżguraw li l-Istati Membri kollha japplikaw kriterji uniformi dwar il-kontrolli fuq id-dħul u l-ħruġ fil-fruntiera esterna komuni, jiżviluppaw kooperazzjoni bejn il-gwardji tal-fruntiera, il-pulizija nazzjonali, u l-awtoritajiet ġudizzjarji, jużaw sistemi adegwati ta' skambju ta' informazzjoni u jimplimentaw politika komuni ta' ritorn. Dawn jiżguraw kundizzjonijiet armonizzati ta' dħul, u politika komuni dwar il-viżi biex jinżamm livell għoli ta' sigurtà interna u l-possibbiltà li wieħed jivvjaġġa mingħajr ma jkun soġġett għal kontrolli fil-fruntieri interni. Minħabba l-ammont kbir ta' *data* personali li tiġi pproċessata, ir-rispett tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* għandu rwol ewlieni. L-implimentazzjoni korretta ta' dawn ir-regoli kollha mhux biss tissalvagwardja s-sigurtà taċ-ċittadini f'żona mingħajr fruntieri interni iżda toħloq ukoll sinerġiji bejn l-awtoritajiet nazzjonali.

L-appoġġ finanzjarju taħt il-finanzjament tal-UE (il-Fond għas-Sigurtà Interna, l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi, u l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni) jiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni korretta tal-*acquis* ta' Schengen. Il-Kummissjoni tfittex li tiżgura li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed riżorsi biex jimplimentaw dawk ir-rakkomandazzjonijiet b'implikazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-evalwazzjonijiet ta' Schengen. B'kunsiderazzjoni tal-iskeda ta' żmien tal-evalwazzjonijiet, l-Istati Membri huma għalhekk imħeġġa jwarrbu r-riżorsi meħtieġa skont il-programmi nazzjonali tagħhom sabiex in-nuqqasijiet identifikati fir-rapporti ta' evalwazzjoni jingħataw prijorità, speċjalment f'każ li jkunu ġew identifikati nuqqasijiet serji.

Filwaqt li l-evalwazzjonijiet ta' Schengen matul l-aħħar snin urew li f'termini ġenerali l-Istati Membri jimplimentaw b'mod adegwat l-*acquis* ta' Schengen, għad hemm ċerti nuqqasijiet u azzjonijiet ewlenin li jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala prijoritajiet. In-nuqqasijiet ma għandhomx jiġu eżaminati f'iżolament, iżda fl-interazzjoni tagħhom ma' diversi oqsma koperti mill-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen u l-potenzjal tagħhom li jagħmlu ħsara liż-żona Schengen kollha kemm hi. Xi wħud minn dawn in-nuqqasijiet huma ta' natura orizzontali f'oqsma ta' politika differenti u, minħabba l-implikazzjonijiet multipli tagħhom, jista' jkollhom impatt oġġla fuq il-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen.

---

<sup>33</sup> Kif meħtieġ mill-Atti ta' Adeżjoni rispettivi, il-Kunsill li jaġixxi b'unanimità għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

Matul l-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni tal-Evalwazzjonijiet ta' Schengen (2015-2019), ġew identifikati nuqqasijiet serji f'għaxar evalwazzjonijiet fi tliet oqsma<sup>34</sup> u għall-perjodu 2020-2021 – każ ieħor fir-raba' qasam ta' politika<sup>35</sup>. Dawn in-nuqqasijiet serji f'xi każijiet huma relatati ma' nuqqasijiet li jqiegħdu f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen jew f'każijiet oħra jirrappreżentaw riskju serju għad-drittijiet fundamentali. Meta jiġu identifikati nuqqasijiet serji, l-Istati Membri jiġu mmonitorjati mill-qrib biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tal-azzjonijiet ta' rimedju, inkluż billi jitwettqu żjarat mill-ġdid. Il-Mekkaniżmu riformat ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen se jwassal għal sistema ta' monitoraġġ saħansitra aktar robusta li tħaffef il-proċess kollu speċjalment meta jiġu identifikati nuqqasijiet serji, li għalihom tkun prevista proċedura rapida speċifika.

#### 4.1. Il-ġestjoni tal-fruntieri esterni

Il-fruntieri esterni jridu jiġu protetti u ġestiti b'mod effiċjenti, filwaqt li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-persuni li jkunu qed ifittxu protezzjoni jiġu rrispettati bis-sħiħ. Il-qsim bla xkiel tal-fruntieri jrid jimxi id f'id mal-iżgurar ta' livell għoli ta' sigurtà. Proċeduri ta' kontrolli, fil-fruntieri, effiċjenti u orjentati lejn is-sigurtà bbażati fuq informazzjoni komprensiva ta' qabel il-wasla u tfixxijiet fil-bażijiet ta' *data* rilevanti biex jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli sistematiċi tal-persuni kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni bħala regola. L-Istati Membri huma obbligati wkoll li jiżguraw mekkaniżmu komprensiv għall-monitoraġġ tal-fruntieri esterni u sorveljanza effettiva tal-fruntieri biex jiżguraw sensibilizzazzjoni sħiħa tas-sitwazzjoni u biex jipprovdu rispons adegwat, inkluż is-salvataġġ tal-ħajjiet fuq il-baħar.

Sfida partikolari hija l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti għal finijiet politiċi, li għalihom il-Kummissjoni ressqet proposti dedikati f'Diċembru 2021, bi tweġiba għas-sejħa mill-Kunsill Ewropew: l-emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li tipprevedi definizzjoni ta' strumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni<sup>36</sup> u strument ġdid li jindirizza sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil<sup>37</sup>. L-adozzjoni ta' dawn il-proposti hija mistennija li tipprovdi qafas solidu għal każijiet ta' strumentalizzazzjoni fil-futur u tneħħi l-ħtieġa li wieħed jirrikorri għal miżuri *ad hoc* skont l-Artikolu 78(3) tat-TFUE<sup>38</sup>.

**Il-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri** hija responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri kollha u tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, tal-istituzzjonijiet u tal-aġenziji tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha rwol ewlieni, u tlaqqa' flimkien l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u l-Frontex. In-nuqqasijiet fil-fruntiera esterna ta' pajjiż wieħed jistgħu jaffettwaw lill-Istati Membri kollha u sussegwentement ipoġġu f'riskju l-funzjonament taż-żona Schengen. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm integrazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-Istati Membri sabiex tiġi stabbilita ġestjoni effettiva, effiċjenti u koordinata tal-fruntieri esterni tal-UE.

---

<sup>34</sup> Ir-Rapport dwar il-Funzjonament tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 L-Ewwel Programm ta' Evalwazzjoni Pluriennali (2015-2019) (COM(2020) 779 final) u l-valutazzjoni tal-impatt li saret bi tnejn għall-Proposta għar-riforma tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen (SWD/2021/119 final).

<sup>35</sup> Fl-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni, il-Mekkaniżmu identifika nuqqasijiet serji f'għaxar evalwazzjonijiet fi tliet oqsma: il-ġestjoni tal-fruntieri esterni (il-Greċja, l-Iżlanda, Spanja u l-Iżvezja); il-politika komuni dwar il-viżi (il-Finlandja u n-Netherlands); is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (il-Belġju, Franza, Spanja u r-Renju Unit). Għall-perjodu 2020-2021, dan identifika nuqqasijiet serji fil-qasam tar-ritorn għall-Greċja.

<sup>36</sup> COM(2021) 891.

<sup>37</sup> COM(2021) 890.

<sup>38</sup> Fl-1 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill ibbażata fuq l-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bl-għan li tappoġġa lil-Latvja, lil-Litwanja u lill-Polonja billi tipprevedi l-miżuri u l-appoġġ operazzjonali meħtieġa għall-ġestjoni b'mod ordnat u b'dinjità tal-wasla ta' persuni li jiġu strumentalizzati mill-Belarużja, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

L-**evalwazzjonijiet ta' Schengen żvelaw** li matul l-aħħar snin, l-Istati Membri investew b'mod sinifikanti biex jiproteġu aħjar il-fruntieri esterni, u dan irriżulta f'titjib muri matul it-tieni ċiklu ta' evalwazzjoni (li jibda mill-2020) u f'livell adegwat ta' ġestjoni tal-fruntieri esterni b'mod ġenerali. Madankollu, l-**evalwazzjonijiet** identifikaw ċerti nuqqasijiet, li wieħed minnhom huwa li ġeneralment **ma hemmx governanza strateġika adegwata u ppjanar tal-kapaċitajiet nazzjonali** għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri. Dan jirriżulta f'kooperazzjoni interistituzzjonali mnaqqa, duplikazzjoni tal-kompetenzi bejn awtoritajiet differenti tal-fruntieri esterni u allokazzjoni tar-riżorsi mxerrda. Dan huwa relatat b'mod partikolari mal-ippjanar fit-tul tar-**riżorsi umani u t-taħriġ**, kif ukoll mal-użu sistematiku tas-sistemi ta' informazzjoni għall-kontroll fil-fruntieri, inkluż **livell baxx ta' konnettività** biex jiġu żgurati kontrolli sistematiki fil-bażijiet tad-*data* rilevanti f'xi wħud mill-postijiet. L-eżekuzzjoni u l-kwalità diverġenti tal-analiżijiet tar-riskju u tal-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà fl-Istati Membri huma ta' tħassib.

**Fir-rigward tal-kontroll fil-fruntieri (il-kontrolli fil-fruntieri u s-sorveljanza tal-fruntieri)**, l-**evalwazzjonijiet ta' Schengen żvelaw** li, b'mod ġenerali, l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen mill-Istati Membri hija adegwata. L-**evalwazzjoni ta' Schengen** indikat ukoll prattiki tajbin u attivitajiet innovattivi implimentati mill-Istati Membri biex jimplimentaw il-kriterji ta' Schengen b'mod effiċjenti. Minkejja l-progress ġenerali tajjeb, hemm nuqqasijiet rikorrenti fis-sorveljanza tal-fruntieri esterni u l-proċeduri ta' kontroll fil-fruntieri f'xi punti ta' qsim fihom nuqqasijiet. Il-kontroll fil-fruntieri jitwettaq f'konformità mal-analiżi komprensiva tar-riskju fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri; madankollu, għad hemm nuqqasijiet identifikati fil-mod kif xi Stati Membri jimplimentaw il-mudell Ewropew ta' analiżi tar-riskju għall-kontroll fil-fruntieri<sup>39</sup> li jirriżultaw f'għarfien insuffiċjenti tas-sitwazzjoni, ippjanar imxerred tar-riżorsi u azzjonijiet operazzjonali inadegwati.

F'xi punti ta' qsim tal-fruntiera, il-kontrolli fil-fruntieri ma jitwettqux b'mod sistematiku u ma humiex skont l-istandard. Dan huwa prinċipalment relatat ma' riżorsi umani insuffiċjenti, nuqqas ta' gwardji tal-fruntiera mħarrġa kif xieraq kif ukoll ma' konnettività ħażina mal-bażijiet ta' *data*, li tipprevjeni li l-verifiki mal-bażijiet ta' *data* rilevanti, inkluż is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u mal-bażi ta' *data* ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD) tal-Interpol, isiru b'mod uniformi u sistematiku, u dan iwassal għal lakuni importanti fis-sigurtà. Dan jiista' jirrappreżenta theddida għall-politika pubblika, għas-sigurtà interna, għas-saħħa pubblika jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe Stat Membru u tal-UE kollha kemm hi.

Dan huwa aggravat aktar mill-implimentazzjoni u l-applikazzjoni insuffiċjenti tar-Responsabbiltà tat-Trasportatur<sup>40</sup> u tad-direttivi dwar **Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri**<sup>41</sup> f'xi Stati Membri. Sabiex jiġġieldu l-immigrazzjoni irregolari u jiżguraw kontrolli fil-fruntieri effettivi, it-trasportaturi tal-ajru jeħtieġ li jibagħtu fuq talba tal-awtoritajiet responsabbli għat-twettieq tal-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri esterni, sal-aħħar taċ-check-in, informazzjoni li tikkonċerna l-passiġġieri li se jittrasportaw lejn punt ta' qsim awtorizzat tal-fruntiera, li minnu dawn il-persuni jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru. Meta dan ma jsirx, il-gwardji tal-fruntiera ma jkollhomx l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-dispożizzjoni tagħhom biex iwettqu kontrolli adegwati fil-fruntieri. Sa tmiem l-2022 hija prevista reviżjoni tad-Direttiva dwar Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri<sup>42</sup> biex jingħalqu l-lakuni li saru evidenti wkoll mill-**evalwazzjoni tal-2020** u jiġu żgurati l-kundizzjonijiet għal implimentazzjoni adegwata.

<sup>39</sup> Il-Mudell Integrat Komuni għall-Analiżi tar-Riskju <https://frontex.europa.eu/we-know/situational-awareness-and-monitoring/ciram/>

<sup>40</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE tat-28 ta' Ġunju 2001 li tissupplimenta d-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985.

<sup>41</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw *data* dwar il-passiġġieri.

<sup>42</sup> Ara l-Anness I tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2022, COM(2021) 645 tad-19.10.2021.

Diversi Stati Membri għandhom **stampa tas-sitwazzjoni nazzjonali frammentata**, kapaċitajiet imnaqqsa ta' detezzjoni u kapaċitajiet limitati ta' rispons speċjalment fil-fruntieri tal-baħar u tal-art, minħabba n-nuqqas ta' sistemi integrati ta' sorveljanza tal-fruntieri, koordinazzjoni u kooperazzjoni insuffiċjenti bejn l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom tal-kontroll fil-fruntieri, kif ukoll implimentazzjoni mxerrda tas-**sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR)**<sup>43</sup> li taffettwa l-kwalità tal-kontroll fil-fruntieri. Dawn in-nuqqasijiet jistgħu jnaqqsu l-effiċjenza operazzjonali fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-kapaċità ta' rispons, u b'hekk ipoġġu ż-żona Schengen f'riskju. Dan huwa partikolarment validu fil-fruntieri tal-baħar u tal-art, minħabba kapaċitajiet limitati u sistemi integrati ta' sorveljanza tal-fruntieri, li jaffettwaw il-kwalità tal-kontroll fil-fruntieri. Dawn in-nuqqasijiet jistgħu jnaqqsu l-effiċjenza operazzjonali fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-kapaċità ta' rispons, u b'hekk ipoġġu ż-żona Schengen f'riskju.

Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari l-prinċipju ta' *non-refoulement* huwa prinċipju ewlieni fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE. Fl-2020, l-osservaturi mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali bdew jipparteċipaw fl-evalwazzjonijiet ta' Schengen fil-qasam tal-fruntieri esterni. Dawn ikkontribwew biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib. L-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni dejjem huma kawża ta' tħassib. Valutazzjonijiet effettivi ta' kull allegat ksur u investigazzjonijiet rapidi u indipendenti fejn rilevanti huma essenzjali biex jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali jiġu protetti fil-fruntieri esterni. Mekkaniżmi indipendenti ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali huma Prattika Tajba f'dan ir-rigward u l-Kummissjoni se tkompli tappoġġahom u tiffinanzjahom. Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali huwa aspett li huwa kopert mill-Mekkaniżmu l-ġdid ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen, li se jiżgura li jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' kwalunkwe nuqqas.

#### **Kaxxa 5. Il-prijoritajiet għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni Ewropej**

- Implimentazzjoni effiċjenti tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri;
- Jiżied l-użu tal-analiżi tar-riskju fil-kontroll fil-fruntieri u l-integrazzjoni sħiħa tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà fl-ippjanar u fl-operazzjonijiet tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta;
- Titjeb il-kwalità tal-kontrolli fil-fruntieri billi jiġu applikati proċeduri bbażati fuq l-informazzjoni u jiżied l-użu ta' informazzjoni ta' qabel il-wasla billi jiġu implimentati sistemi ta' informazzjoni għall-kontroll fil-fruntieri, inkluża l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Infurmazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri;
- Jissaħħu s-sistemi nazzjonali integrati ta' sorveljanza tal-fruntieri u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji;
- L-implimentazzjoni ta' sistemi nazzjonali sodi ta' taħriġ għall-kontroll fil-fruntieri<sup>44</sup>;
- L-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' monitoraġġ għad-drittijiet fundamentali.

#### **4.2. Politika dwar il-viżi**

Iż-żona Schengen ma tistax tiffunzjona b'mod effiċjenti mingħajr politika komuni dwar il-viżi. Din hija għodda biex jiġi ffaċilitat id-dħul ta' viżitaturi legali, bħat-turisti u l-persuni li jivvjaġġaw għal raġunijiet ta' negozju, filwaqt li jiġu evitati r-riskji għas-sigurtà u r-riskju ta' migrazzjoni

<sup>43</sup> Is-sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) hija qafas għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Frontex biex ittejjeb is-sensibilizzazzjoni għas-sitwazzjoni u żied il-kapaċità ta' reazzjoni fil-fruntieri esterni.

<sup>44</sup> Il-Kurrikulu Komuni Ewlieni għat-Taħriġ Bażiku tal-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fl-UE huwa l-uniku kurrikulu li jstabbilixxi l-istandards ewlenin ta' taġħlim dwar il-livell operazzjonali tal-gwardja tal-fruntiera fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni u l-Frontex kontinwament ħeġġew lill-Istati Membri biex jagħmlu użu minnu.

irregolari lejn l-UE. Il-Kodiċi dwar il-Viżi<sup>45</sup> jistabbilixxi proċeduri u kundizzjonijiet armonizzati għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża u għall-ħruġ ta' viżi, filwaqt li s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża<sup>46</sup> tiżgura li l-konsulati, il-gwardji tal-fruntiera, l-infurzar tal-liġi, l-immigrazzjoni u awtoritajiet rilevanti oħra jkollhom aċċess għad-*data* tal-applikanti għal viża.

Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-pandemija tal-COVID-19 irriżultaw fi tnaqqis kbir fl-applikazzjonijiet għall-viża ta' Schengen. Filwaqt li qabel il-pandemija, il-konsulati tal-Istati li pparteċipaw fiż-żona Schengen irċevew 16-il miljun applikazzjoni għal viża fl-2018 u 17-il miljun fl-2019, in-numru ta' applikazzjonijiet naqas għal 3 miljun fl-2020 u 2,5 miljun fl-2021.

Il-pandemija poġġiet ukoll restrizzjonijiet fuq it-twettiq tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen f'dan il-qasam ta' politika minħabba li l-evalwazzjonijiet qed isiru fil-konsulati tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi bi hteġa ta' viża. Fl-2020 u fl-2021 setgħu jsiru biss żewġ evalwazzjonijiet. Madankollu, ħafna Stati Membri għamlu progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom relatati ma' evalwazzjonijiet preċedenti. L-għeluq ta' 12-il pjan ta' azzjoni f'dawn l-aħħar sentejn ifisser li numru sostanzjali tan-nuqqasijiet identifikati ġew ikkoreġuti b'suċċess.

Fil-biċċa l-kbira l-Istati Membri jimplementaw b'mod adegwat, il-politika komuni dwar il-viża, b'deċizzjonijiet li ġeneralment huma ġġustifikati sew dwar jekk viżi għandhomx jinħarġu jew jiġu miċħuda. Xi wħud mill-kwistjonijiet ewlenin ta' tħassib huma relatati ma':

- Il-prattiki tal-Istati Membri li għadhom ivarjaw meta jiddeterminaw il-validità tal-viżi jew tad-dokumenti ta' sostenn mitluba, minkejja r-regoli dwar il-validità tal-viża stabbiliti fil-Kodiċi dwar il-Viżi u l-listi armonizzati legalment vinkolanti tad-dokumenti ta' sostenn adottati mill-Kummissjoni.
- Nuqqas ta' taħriġ u nuqqas ta' persunal li jwasslu għal żbalji proċedurali.
- L-użu ta' fornituri esterni tas-servizzi huwa mifrux, iżda l-monitoraġġ tal-attivitajiet tagħhom ma huwiex biżżejjed.
- L-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża huwa subottimali minħabba li xi drabi fiha *data* ta' kwalità inadegwata, il-fatt li s-sistemi nazzjonali tal-ġestjoni tal-każijiet mhux dejjem ikunu adattati għall-Kodiċi dwar il-Viżi u għall-fluss ta' ħidma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, in-nuqqas ta' taħriġ adegwat tal-IT u s-sensibilizzazzjoni limitata ta' ċerti funzjonalitajiet u benefiċċji tas-sistema.

Bħala parti mill-proċess ta' monitoraġġ tal-evalwazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni ripetutament talbet lill-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet u sar disponibbli appoġġ finanzjarju adegwat taħt il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (2021-27) biex jiġu appoġġati l-azzjonijiet rilevanti.

Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta dwar id-**diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża** biex il-preżentazzjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża jsiru modernizzati u aktar effiċjenti filwaqt li tissaħħaħ is-sigurtà taż-żona Schengen. Fl-istess jum, il-Kummissjoni pproponiet li tneħħi r-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini tal-Kuwajt u tal-Qatar. Fix-xhur li ġejjin, hija se twettaq evalwazzjoni tal-Kodiċi rivedut dwar il-Viżi li daħal fis-seħħ fi Frar 2020. Se tkompli timmonitorja mill-qrib il-pajjiżi terzi li nġhataw aċċess mingħajr viża għall-UE, b'mod partikolari permezz tar-rapport dwar il-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża<sup>47</sup>, u se tkompli

<sup>45</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

<sup>46</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

<sup>47</sup> Il-Kummissjoni jeħtiġilha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-issodisfar kontinwu tar-rekwiżiti għall-eżenzjoni mill-hteġa ta' viża mill-pajjiżi, li ċ-ċittadini tagħhom kisbu aċċess mingħajr viża inqas minn seba' snin ilu, wara t-flestija b'suċċess ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża (ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, ir-Repubblika tas-Serbja, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna). Ir-raba' rapport dwar il-mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża ġie adottat fl-4 ta' Awwissu 2021 (COM(2021) 602).

taħdem ukoll f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati u mal-Istati Uniti biex tinkiseb reċiproċità sħiħa tal-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għall-bqija tal-Istati Membri, jiġifieri, il-Bulgarija, Ċipru u r-Rumanija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, qed issegwi mill-qrib il-programmi ta' ċittadinanza b'investment immexxija minn pajjiżi terzi mingħajr viża peress li l-benefiċjarji ta' dawn l-iskemi jistgħu jiksbu aċċess liberu għaż-żona Schengen. Dan l-aħħar, fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda li jissospendi temporanjament ir-rekwiżiti għall-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għad-detenturi ta' passaporti ta' Vanuatu maħruġa wara l-2015 minħabba r-riskji marbuta mal-programm tiegħu ta' Ċittadinanza b'Investment<sup>48</sup>. L-Istati Membri se jkollhom ikomplu jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-eu-LISA u mal-Kummissjoni biex itejbu s-sistemi tal-IT tagħhom għall-ipproċessar tal-viżi biex jikkonformaw mal-aġġornament tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża. L-evalwazzjonijiet ta' Schengen f'dan il-qasam ta' politika se jitkomplew f'Ġunju 2022 filwaqt li titqies kif xieraq is-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tevolve.

#### **Kaxxa 6. Prijoritajiet għall-politika dwar il-viżi**

- Progress rapidu fin-negożjati tal-proposta rigward id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża
- Progress rapidu fin-negożjati dwar il-proposta għall-eżenzjoni mill-Viża għall-Kuwajt u l-Qatar.
- It-tnejn tal-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża riveduta
- It-tisħiħ tal-monitoraġġ ta' pajjiżi terzi li jkunu kisbu aċċess mingħajr viża għall-UE
- It-tisħiħ tal-monitoraġġ tal-iskemi ta' ċittadinanza u tar-residenza tal-investituri mmexxija minn pajjiżi terzi f'konformità mar-rakkomandazzjoni C/2022/2028<sup>49</sup>.
- It-tkomplija tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen minn Ġunju 2022.

### **4.3. Ritorn ta' persuni mingħajr dritt legali li jibqgħu**

It-tisħiħ tal-isforzi biex titnaqqas il-migrazzjoni irregolari lejn l-UE u l-protezzjoni aħjar tal-fruntieri esterni għandhom jimxu id f'id mat-teħid ta' miżuri għar-**ritorn** effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali fit-territorju tal-Istati Membri. Kull sena madwar 400 000 ċittadin ta' pajjiżi terzi jiġu ordnati jtilqu, iżda 140 000 biss (inqas fl-2020 ukoll minħabba l-miżuri restrittivi biex tiġi kkontrollata l-pandemija) tal-persuni kkonċernati jirritornaw b'mod effettiv lejn pajjiż terz, li minnhom madwar 45 % huma ritorni volontarji. It-titjib tal-effettività tal-Sistemi ta' ritorn tal-Istati Membri huwa wkoll aspekk importanti tal-ħidma fuq l-istabbiliment ta' sistema komuni tal-UE għar-ritorn kif stabbilit fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil li tgħaqqad strutturi aktar b'saħħathom fl-UE, b'mod partikolari qafas legali msaħħaħ mad-Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn, b'kooperazzjoni aktar effettiva ma' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni adottata f'April 2021, qiegħed jiġi żviluppat approċċ aktar uniformi u kkoordinat fost l-Istati Membri biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni bil-għan li tingħata spinta lill-effettività u lis-sostenibbiltà tas-sistema komuni tal-UE dwar ir-ritorni għall-benefiċċju reċiproku tal-persuni rimpatrijati, tal-UE u tal-pajjiżi terzi.

L-evalwazzjonijiet ta' Schengen urew titjib f'dan il-qasam u l-leġiżlazzjoni u l-prattiki nazzjonali tal-Istati Membri issa huma allinjati aħjar mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar ir-Ritorn. Madankollu, għad hemm titjib xi jsir biex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali. Ġew identifikati nuqqasijiet serji fi Stat Membru wieħed minħabba kundizzjonijiet ta' detenzjoni inadegwati u salvagwardji proċedurali insuffiċjenti.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-effettività tas-sistemi ta' ritorn, mhux l-Istati Membri kollha sistemantikament joħorġu deċizzjonijiet ta' ritorn lil ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt legali li

<sup>48</sup> UE 2022/366.

<sup>49</sup> C(2022) 724 final.

jibqgħu. Jeżistu prattiki diverġenti fir-rigward tal-projbizzjonijiet fuq id-dħul li ma jinħarġux sistematikament meta ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jikkonformawx mal-obbligu tar-ritorn, u dan jillimita l-effett ta' deterrent tagħhom.

**L-infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet ta' ritorn għadu sfida**, li huwa influwenzat ukoll mill-kooperazzjoni limitata dwar ir-riammissjoni ta' pajjiżi terzi. Minkejja dawn l-isfidi esterni, hemm ostakli fis-sistemi nazzjonali, żvelati mill-evalwazzjonijiet ta' Schengen, li jxekklu l-effettività tas-sistemi ta' ritorn tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-ġbir tad-*data* fil-qasam tar-ritorn jeħtieġ li jittejjeb biex jippermetti tfassil, implimentazzjoni u evalwazzjoni aħjar tal-politika. Il-kwistjonijiet ewlenin identifikati f'għadd ta' Stati Membri huma relatati ma':

- Riżorsi limitati/insuffiċjenti ddedikati għar-ritorn, f'termini ta' persunal u infrastruttura.
- Nuqqas ta' monitoraġġ jew monitoraġġ ineffettiv tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn, inkluż permezz ta' sistemi tal-IT għall-ġestjoni tal-każijiet ta' ritorn.
- Disponibbiltà u użu limitati tal-programmi ta' ritorn volontarju u riintegrazzjoni (inkluż fir-rigward tal-konsulenza dwar ir-ritorn).
- Użu limitat ta' alternattivi għad-detenzjoni biex jiġi evitata l-ħrib u n-nuqqas ta' kapaċità ta' detenzjoni speċjalizzata suffiċjenti.

Il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tar-regoli dwar ir-ritorn u s-segwitu kif xieraq, inkluż permezz ta' proċeduri ta' ksur. Qed issir enfasi speċjali fuq l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn, bħall-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u l-infurzar effettiv tagħhom, kif ukoll fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-migranti – b'mod partikolari t-tfal u l-persuni vulnerabbli – matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn.

Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ħatret l-ewwel Koordinatur tar-Ritorn tal-UE. Il-Koordinatur tar-Ritorn se jiġbor flimkien il-fergħat tal-politika ta' ritorn tal-UE, filwaqt li jibni fuq l-esperjenzi pożittivi tal-Istati Membri fil-ġestjoni tar-ritorn u jiffaċilita l-implimentazzjoni bla xkiel u interkonnessa tal-proċess tar-ritorn. Il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tistabbilixxi Network ta' Livell Għoli għar-Ritorn li se jappoġġa lill-Koordinatur tar-Ritorn jiffaċilita l-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Frontex u jservi bħala spazju fdat għal skambju u djalogu kostruttivi dwar kwistjonijiet ta' ritorn f'livell għoli.

#### **Kaxxa 7. Prijoritajiet għall-politika tar-ritorn.**

- Adozzjoni rapida tal-qafas legali imġedded dwar ir-ritorn ibbażat fuq id-Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn.
- Il-promozzjoni tar-ritorn volontarju u tar-riintegrazzjoni bħala parti integrali minn sistema komuni tal-UE għar-ritorn, f'konformità mal-istrateġija tal-UE dwar ir-ritorn volontarju u riintegrazzjoni.
- Isir użu sħiħ mill-appoġġ operazzjonali u prattiku li l-Frontex tista' tipprovdi f'dan il-qasam.

#### **4.4. Koperazzjoni tal-pulizija<sup>50</sup>**

F'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, il-kooperazzjoni b'saħħitha **tal-pulizija** bejn l-Istati Membri hija indispensabbli biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-fiduċja fiż-żona Schengen, u b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntieri. Skont il-“Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata” (EU SOCTA) tal-2021, ippubblikata mill-Europol, kważi 70 % tan-networks tal-kriminalità organizzata huma attivi f'aktar minn tliet Stati Membri. L-uffiċjali

<sup>50</sup> Il-“kooperazzjoni tal-pulizija” tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri, inklużi l-pulizija, is-servizzi tad-dwana u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali (l-Artikolu 87 tat-TFUE).

tal-pulizija jeħtiegħ li jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod effettiv, malajr, u sistematikament madwar l-UE biex jiġġieldu l-kriminalità tranżnazzjonali.

L-evalwazzjonijiet ta' Schengen li saru s'issa fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija enfasizzaw li għalkemm l-Istati Membri huma ġeneralment legalment konformi mal-*acquis* ta' Schengen, **għadd ta' ostakli jxekklu l-użu prattiku ta' wħud mill-għodod tal-kooperazzjoni tal-pulizija transfruntiera** disponibbli għall-Istati Membri.

Il-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija, kif stabbilit fil-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija, issir aktar ikkumplikata mill-koeżistenza f'ħafna Stati Membri ta' korpi tal-pulizija differenti, eż. pulizija tal-istat militari, pulizija tal-istat ċivili, pulizija nazzjonali, reġjonali jew lokali. Huwa essenzjali li kull Stat Membru jorganizza l-koordinazzjoni interna tiegħu b'tali mod li s-servizzi rilevanti kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-kooperazzjoni transfruntiera u internazzjonali tal-pulizija. Għal dan il-għan, kważi l-Istati Membri kollha ħatru servizz wieħed bħala **Punt Uniku ta' Kuntatt**<sup>51</sup> li huwa kompetenti għal kull kooperazzjoni operazzjonali u skambju ta' informazzjoni transfruntiera u internazzjonali dwar l-infurzar tal-liġi. Il-Punti Uniċi ta' Kuntatt, li huma punti ta' kuntatt prinċipali tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi u l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali, għandhom nuqqas ta' integrazzjoni u ta' taħriġ imfassal apposta għall-persunal, u b'hekk jiġi limitat il-benefiċċju taż-żieda qawwija fl-iskambju ta' informazzjoni matul l-aħħar snin.

Kooperazzjoni transfruntiera effiċjenti teħtiegħ mezzi ta' komunikazzjoni interoperabbli u aċċess mobbli għal bażijiet ta' *data* rilevanti f'konformità mas-salvagwardji meħtieġa. Is-sistemi tekniċi użati fil-livell nazzjonali għandhom ikunu disponibbli għal skambju sigur ta' informazzjoni transfruntiera, inkluża l-posta elettronika sigura kif ukoll is-sistemi ta' komunikazzjoni bir-radju, b'mod partikolari fil-każ ta' insewiment transkonfinali. Bħala riżultat tan-nuqqas ta' għodod tekniċi adegwati, fil-maġġoranza tal-Istati Membri l-uffiċjali tal-pulizija jirrikorru għal għodod mhux siguri tal-komunikazzjoni bir-radju jew għall-mowbajls sabiex jikkuntattjaw id-dispaċċ rispettiv tagħhom għall-verifiki tal-preċedenti personali. Dan iġib miegħu riskju ta' falliment fil-komunikazzjoni (frekwenti f'żoni muntanjużi) u nuqqas ta' ftehim (eż. fil-każ ta' kwistjonijiet ta' trazzitterazzjoni). L-istess riskji jinstabu f'każ ta' nuqqas ta' aċċess mobbli adegwat għal bażijiet ta' *data* għall-uffiċjali tal-pulizija fuq il-post. Meta l-uffiċjali tal-pulizija jivverifikaw persuna matul viġilanza konġunta jew matul azzjonijiet konġunti mmirati fiż-żoni tal-fruntiera, jeħtiegħ li jkollhom aċċess immedjat u adegwat għall-bażijiet ta' *data* nazzjonali u internazzjonali tagħhom li għalihom għandhom aċċess skont id-dritt nazzjonali. Jekk l-informazzjoni disponibbli jew l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu ma jintwerewx b'mod korrett, il-kriminali mfittxija pereżempju jistgħu jgħaddu minn diversi pajjiżi mingħajr ma jiġu identifikati. Minbarra l-uffiċjali tal-pulizija fuq il-post, l-investigaturi jeħtieġu wkoll aċċess aktar dirett għal bażijiet ta' *data* internazzjonali rilevanti. Bil-maġġoranza tal-kriminali li jaħdmu minn naħa għal oħra tal-fruntiera, id-detezzjoni bikrija tar-rabtiet internazzjonali hija kruċjali għal investigazzjoni kriminali ta' suċċess.

Fl-aħħar nett, il-punt sa fejn **l-attivitajiet tal-pulizija operazzjonali transfruntiera** (bħal insewiment transkonfinali jew sorveljanza transfruntiera) jiġu ffaċilitati jvarja b'mod sinifikanti madwar l-UE. Filwaqt li xi pajjiżi jippermettu ħafna aċċess reċiproku għall-bażijiet ta' *data* tal-infurzar tal-liġi ta' xulxin (inklużi l-Gwardji Doganali u tal-Fruntiera), oħrajn jimponu limitazzjonijiet ġeografiċi jew ta' żmien limitati wisq għal insewiment transkonfinali jew ma jippermettux lill-uffiċjali tal-pulizija barranin jaqbd u persuni suspettati fit-territorju tagħhom matul insewiment transkonfinali.

---

<sup>51</sup> Il-Punt Uniku ta' Kuntatt (SPOC) tfisser il-korp ċentrali nazzjonali responsabbli għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija, imsemmija fl-Artikolu 39(3) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.

Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (KIFS)<sup>52</sup> li tistabbilixxi prinċipji bażiċi għall-kooperazzjoni tal-pulizija, u d-Deċizzjoni Qafas 2006/960/ĠAI tal-Iżvezja li tissimplifika l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi t-tnejn li huma jagħmlu parti mill-*acquis* ta' Schengen. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jagħtu flessibbiltà konsiderevoli lill-partijiet tal-istat fil-mod kif jagħżlu li jimplimentawhom. Fil-prattika, ftehimiet bilaterali jew multilaterali jintużaw sistematikament biex tiġi żviluppata aktar din il-linja bażi komuni<sup>53</sup>. Bħalissa hemm madwar 60 ftehim bħal dan bejn l-Istati Membri tal-UE.

Sfida ewlenija fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija hija li l-qafas leġiżlattiv huwa frammentat u jħalli flessibbiltà wiesgħa lill-Istati Membri fil-mod kif jagħżlu li jimplimentawh. Il-proposti ta' kooperazzjoni tal-pulizija<sup>54</sup> għandhom l-għan li jindirizzaw dan u jsaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija billi jipprovdu kanali u perjodi ta' żmien ċari għall-iskambju ta' informazzjoni u jagħtu lill-Europol rwol aktar b'saħħtu. Il-Kummissjoni tilqa' l-progress li sar mill-Kunsill, li għandu l-għan jadotta l-approċċ ġenerali tiegħu dwar id-Direttiva u r-Regolament f'Ġunju 2022 kif ukoll li japprova r-Rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija. Għalhekk, it-trilogi għal dawn il-proposti xorta setgħu jibdedu din is-sena bl-adozzjonijiet sussegwenti mistennija qabel tmiem l-2023.

Huwa essenzjali li jkomplu jiġu żviluppati l-għodod f'idejn l-awtoritajiet tal-pulizija. L-użu u l-iskambju ta' Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri flimkien ma' Rekords tal-Ismijiet tal-Passiġġieri diġà taw riżultati tanġibbli fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja. Qed titħejja inizzjattiva leġiżlattiva ġdida biex jittejjeb l-użu ta' Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri anke għal finijiet ta' infurzar tal-liġi billi tissaħħaħ iċ-ċertezza legali u jitnaqqsu d-diskrepanzi li saru evidenti mill-evalwazzjoni tal-2020 tad-Direttiva dwar l-Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri<sup>55</sup>, filwaqt li jiġu previsti s-salvagwardji meħtieġa. Din hija skedata li tiġi ppreżentata sal-aħħar tal-2022.

#### **Kaxxa 8. Prijoritajiet għall-kooperazzjoni tal-pulizija.**

- L-adozzjoni rapida tal-proposti għall-Kooperazzjoni tal-Pulizija, u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija li mistennija tiġi adottata mill-Kunsill f'Ġunju.
- L-adozzjoni sa tmiem l-2022 mill-Kummissjoni ta' proposta għal miżura leġiżlattiva ġdida dwar l-Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri li ssaħħaħ l-użu tagħha għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.
- Aktar integrazzjoni tal-kanali ta' kooperazzjoni internazzjonali, titjib tas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet u awtomatizzazzjoni tal-proċessi fil-Punti Uniċi ta' Kuntatt (SPOC).
- Aċċess online effiċjenti u dirett għal bażijiet ta' *data* nazzjonali, tal-UE u internazzjonali dwar l-infurzar tal-liġi għall-persunal tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt, għall-investigaturi u għall-uffiċjali tal-pulizija fuq il-post sa fejn dan ikun meħtieġ għall-kompiti tagħhom.
- Aċċess mobbli effiċjenti għal bażijiet ta' *data* (inter)nazzjonali għall-uffiċjali tal-pulizija fuq il-post, speċifikament fir-reġjuni tal-fruntieri.
- L-interoperabbiltà tal-għodod ta' komunikazzjoni bir-radju.

<sup>52</sup> L-Artikoli 39 sa 47 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.

<sup>53</sup> L-Artikolu 39(5) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.

<sup>54</sup> Dawn ikopru Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija (COM/2021/780 final), Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri (COM/2021/782 final), u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija (COM/2021/784 final).

<sup>55</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32004L0082&from=MT>

#### 4.5. Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) hija l-miżura kumpensatorja ewlenija għat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni peress li toffri appoġġ essenzjali għall-politika dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà fiż-żona Schengen u fil-fruntieri esterni tagħha.

L-importanza tas-SIS għall-ġestjoni tas-sigurtà u tal-fruntieri fl-Ewropa qed tkompli tikber. Għalkemm l-użu tal-sistema kien affettwat mill-kriżi tal-COVID-19 minħabba t-tnaqqis relatat fl-ivvjaġġar u t-tnaqqis fin-numru ta' kontrolli fil-fruntieri li saru matul dak iż-żmien, l-użu tas-SIS fl-Ewropa issa qed jikber b'mod kostanti, u fl-aħħar tal-2021 laħaq massimu ta' kważi 90 miljun allert<sup>56</sup> introdotti mill-Istati Membri fil-bażi ta' *data* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen<sup>57</sup>. Sa Diċembru 2019, eżatt qabel ma bdiet il-pandemija, in-numru ta' tfittxijiet fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen laħaq rekord ta' 6,6 biljun, u ntlaħaq livell rekord ta' 283 713 hit<sup>58</sup> (aktar mid-doppju minn 128 598 hit fl-2014). Fl-2021, saru aktar minn 7 biljun tiftixa fs-SIS<sup>59</sup>, u nkisbu 222 967 hit, li kkontribwew għas-soluzzjoni ta' dan in-numru ta' każijiet fil-pajjiżi Ewropej li jużaw is-sistema.

Abbażi tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen imwettqa, jista' jiġi konkluż li **I-Istati Membri ġeneralment implimentaw u użaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen b'mod effettiv u uniformi**. Għalkemm ġew identifikati nuqqasijiet serji fl-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'xi Stati Membri, dawn il-pajjiżi kienu qed jaħdmu b'mod urġenti u attiv biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet.

Matul l-evalwazzjonijiet ħarġu ċerti **nuqqasijiet rikorrenti**:

- L-Istati Membri ma jinkludux l-informazzjoni rilevanti kollha fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Pereżempju, il-marki tas-swaba' u r-ritratti mhux dejjem ikunu mehmuża, anke jekk din id-*data* tkun disponibbli fil-livell tal-pajjiż. F'xi każijiet dan huwa dovut għal nuqqas ta' għodod tekniċi jew proċeduri obligatorji fil-livell tal-pajjiż li jeħtieġu li l-awtoritajiet li joħorġu l-allert iżidu din id-*data* meta tkun disponibbli.
- Mhux l-informazzjoni kollha disponibbli fl-allert tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (pereżempju r-ritratt disponibbli ta' persuna) tintwera lill-utenti finali, jiġifieri l-uffiċjali tal-pulizija, lill-gwardji tal-fruntieri u utenti oħra meta jikkonsultaw is-sistema. Dan jagħmilha diffiċli li l-persuna soġġetta għal allert tiġi identifikata b'mod korrett u li tittieħed l-azzjoni xierqa.
- F'xi Stati Membri hemm nuqqas ta' progress fl-użu ta' għodod ġodda, bħall-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba' tas-SIS. Dan għandu konsegwenzi importanti, li jwasslu għal lakuni fis-sigurtà.
- L-“Uffiċċji ta' SIRENE”, l-istrutturi amministrattivi li jittrattaw l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari għall-allerti tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, jinsabu fil-qalba tal-operazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen iżda mhux dejjem ikollhom bizzżejjed persunal u riżorsi tekniċi, inklużi għodod awtomatizzati u integrati tal-fluss tax-xogħol, biex ikunu jistgħu jiskambjaw din l-informazzjoni b'mod effettiv.
- It-tishiġ limitat tar-riżorsi umani u tekniċi fl-Uffiċċji SIRENE spiss iwassal biex dawn l-istrutturi jaslu fil-limiti tal-kapaċità tagħhom. Il-kwalità u l-veloċità tal-iskambju ta'

<sup>56</sup> “Allert” tfisser sett ta' *data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen li jippermetti li l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw persuna jew oġġett bil-*ħsieb* li jieħdu azzjoni speċifika.

<sup>57</sup> Din hija żieda ta' kważi 20 miljun allert meta mqabbla mad-*data* minn erba' snin ilu (71 miljun sa Diċembru 2016).

<sup>58</sup> “Hit” tfisser kwalunkwe konkordanza li tissodisfa l-kriterji li ġejjin: (a) tkun ġiet ikkonfermata minn: (i) l-utent finali; jew (ii) mill-awtorità kompetenti f'konformità ma' proċeduri nazzjonali, fejn il-konkordanza inkwistjoni kienet ibbażata fuq tqabbil ta' *data* bijometrika; u (b) jintalbu aktar azzjonijiet.

<sup>59</sup> Saru 6,6 biljun tiftixa fs-SIS fl-2019 u 7 biljun tiftixa fl-2021.

informazzjoni u l-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-uffiċċji huma kruċjali fis-segwitu għall-hits biex tiġi żgurata, pereżempju, il-protezzjoni ta' persuni neqsin u vulnerabbli.

- Xi Stati Membri ma qabbdux is-Sistemi ta' Rikonoxximent Awtomatiku tal-Pjanċi tagħhom mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen li tillimita s-sigurtà ġenerali f'Schengen u fil-fruntieri esterni.

#### **Kaxxa 9. Prijoritajiet għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.**

- Implimentazzjoni rapida tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen imġedda mill-aktar fis possibbli, li se tinkludi kategoriji ġodda ta' alert u tintroduċi funzjonalitajiet ġodda li se jkomplu jtejbu l-effettività tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.
- Persunal u riżorsi xierqa li għandhom jissaħħu fl-Uffiċċji SIRENE tal-Istati Membri bl-awtomatizzazzjoni tal-fluss tax-xogħol sabiex jiġi pproċessat l-għadd kbir ta' hits li jkunu deħlin u jiġu żgurati l-kwalità u l-veloċità tal-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni.
- Użu sħiħ tal-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba' tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

#### **4.6. Protezzjoni tad-*data***

Parti importanti oħra tal-*acquis* ta' Schengen hija r-regoli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni ta' *data* personali fl-*acquis* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u, fil-futur, tas-sistemi l-ġodda ta' informazzjoni (is-Sistema ta' Dħul u Ħruġ, ETIAS, l-interoperabbiltà), id-dispożizzjonijiet fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR)<sup>60</sup> li għalihom l-*acquis* ta' dawk is-sistemi jagħmel kontroreferenzi u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (LED<sup>61</sup>) huma r-rekwiżiti leġiżlattivi ewlenin applikabbli f'dan il-qasam.

Il-valutazzjoni ta' kif l-Istati Membri jimplementaw u japplikaw l-*acquis* ta' Schengen, b'mod partikolari fir-rigward tas-SIS u l-VIS fl-isfond tar-rekwiżiti tal-protezzjoni ta' *data*, hija salvagwardja essenzjali.

Għalkemm ma ġie identifikat l-ebda nuqqas serju matul l-evalwazzjoni ta' Schengen u l-konformità mal-atti applikabbli tad-dritt tal-Unjoni f'każijiet individwali jeħtieġ li tiġi vvalutata fuq bażi ta' *każ b'każ*, għad hemm diversi **kwistjonijiet rikorrenti** li jeħtieġ li jiġu indirizzati:

- Xi awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data* (DPA) ma għandhomx biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji u dan ifixkel il-possibbiltajiet tagħhom li jwettqu l-kompiti kollha tagħhom relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.
- Uħud mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* jirriskjaw li jkunu soġġetti għal influwenza esterna fuq il-ħidma tagħhom li tista' taffettwa l-indipendenza tagħhom.
- Mhux l-awtoritajiet kollha għall-protezzjoni tad-*data* ngħataw setgħat korrettivi effettivi fuq l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.
- F'xi Stati Membri, spezzjonijiet aktar frekwenti u komprensivi mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* ġew meqjusa bħala meħtieġa biex jissodisfaw il-kompitu tagħhom li jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar tad-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

<sup>60</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>61</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/680, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.

- Ħafna drabi r-rekwiżit li jsiru awditi tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża mill-inqas kull erba' snin ma ġie issodisfat mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*.
- Ħafna drabi jkun meħtieġ titjib fir-rigward ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-proċedura għall-użu ta' dawk id-drittijiet.
- Il-perjodu taż-żamma tar-reġistri tat-tfixxijiet fis-sistemi tal-informazzjoni, f'xi każijiet, għadu mhux konformi mal-*acquis* ta' Schengen.
- Spiss, ma jkun hemm l-ebda awtoverifika proattiva dwar il-konformità tal-protezzjoni tad-*data* mill-kontrolluri tad-*data*, inkluż l-ebda rieżami regolari tar-reġistri.
- Fl-aħħar nett, taħriġ regolari u kontinwu dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà tad-*data* għall-persunal operazzjonali kollu li jkollu aċċess għas-sistemi tal-informazzjoni mhux dejjem jiġi pprovdut.

#### Kaxxa 10. Prijoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*.

- L-Istati Membri għandhom jipprovdu riżorsi suffiċjenti lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* sabiex dawn iwettqu l-kompiti kollha tagħhom relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.
- L-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* għandhom jiżguraw li l-awditi tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża jsiru mill-inqas kull erba' snin.
- L-awtoritajiet kompetenti tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża għandhom isegwu r-rakkomandazzjonijiet b'mod partikolari fir-rigward tal-awtoawditjar u t-taħriġ.
- Matul l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda ta' informazzjoni għall-kontroll fil-fruntieri (is-Sistema ta' Dħul u Fruġ, l-ETIAS, l-interoperabbiltà), l-approċċ ta' privatezza mid-disinn għandu jiġi appoġġat bis-sħiħ mill-entitajiet responsabbli kollha. Għandu jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* jkunu integrati bis-sħiħ u li jiġu rrispettati mill-bidu tal-użu ta' dawk is-sistemi.

## 5. Passi li jmiss

Filwaqt li illum ninsabu mgħammra aħjar biex inwieġbu għall-isfidi attwali u futuri, kwalunkwe leġislazzjoni jew qafas huwa tajjeb biss jekk jiġi implimentat b'mod effettiv u f'waqtu.

L-evalwazzjonijiet ta' Schengen imwettqa matul l-aħħar snin ikkonfermaw li l-Istati Membri qed jimplimentaw b'mod adegwat l-*acquis* ta' Schengen fl-oqsma ta' politika differenti u li l-Mekkaniżmu kiseb l-effett mixtieq u maħsub tiegħu. Madankollu, ġew identifikati nuqqasijiet u għadu meħtieġ progress f'xi oqsma. Dan ir-rapport jidentifika l-oqsma ta' prijorità ewlenin li jeħtieġu titjib urġenti u jenfasizza li hija meħtieġa implimentazzjoni rapida u adegwata tal-għodod kollha disponibbli.

Biċ-ċiklu ta' Schengen, iż-żona ta' Schengen issa għandha **governanza msaħħa u robusta**, li tiżgura tmexxija politika biex il-leġislazzjoni tiġi implimentata b'mod adegwat u mmonitorjata b'mod regolari. Wara l-ewwel passi fl-implimentazzjoni ta' ċiklu, huwa meħtieġ li jkomplu jiġu ggarantiti l-isforzi konġunti u s-sjieda komuni mill-Istati Membri, mill-istituzzjonijiet u mill-aġenziji tal-UE tal-proċess fit-triq lejn iċ-ċiklu annwali li jmiss tal-2023.

Huwa essenzjali li titkompla l-ħidma lejn **ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri** kompletament **effettiva**, li tlaqqa' flimkien l-atturi rilevanti kollha kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. F'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, il-kooperazzjoni b'saħħitha tal-**pulizija** bejn l-Istati Membri flimkien mal-implimentazzjoni effettiva tal-sistemi ta'

informazzjoni fuq skala kbira, b'mod partikolari s-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**, kif ukoll politiki effettivi dwar ir-**ritorn u politiki komuni dwar il-viżi**, huma indispensabbli.

Barra minn hekk, huwa kruċjali li ma tintilifx l-enfasi fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-arkitettura l-ġdida tal-IT sal-aħħar tal-2023. L-UE fasslet waħda mis-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri l-aktar **teknoloġikament avvanzati** fid-dinja u jeħtieġ li nwettqu dan il-proġett ambizzjuż fil-ħin.

**L-għoti ta' riżorsi u taħriġ suffiċjenti** lil dawk li jimplimentaw u jinfurzaw l-*acquis* ta' Schengen huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-impenji legali tagħna jiġu implimentati b'mod effettiv fil-prattika. F'dan il-kuntest, l-aġenziji tal-UE għandhom rwol ewlieni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-mandati tagħhom jintużaw bis-sħiħ.

Fl-aħħar nett, l-implimentazzjoni rapida u effettiva tar-**rakkomandazzjonijiet** identifikati fl-**evalwazzjonijiet ta' Schengen** hija kruċjali.

**Sjieda politika akbar ibbażata fuq id-djalogu u l-monitoraġġ regolari se jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet għaż-żona Schengen. Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-UE jieħdu l-passi meħtieġa biex iwettqu dawn il-prijoritajiet u jieħdu l-azzjonijiet ta' segwitu meħtieġa.**

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill ta' Schengen f'Ġunju biex japprova l-elementi ewlenin tal-mudell il-ġdid ta' **governanza ta' Schengen u l-prijoritajiet għall-2022-2023** kif stabbilit f'dan ir-rapport. Il-Kummissjoni se takkumpanja mill-qrib dan il-proċess kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak tekniku, u se tirrapporta dwar il-progress miksub u l-**azzjonijiet ta' segwitu** fi tmiem iċ-ċiklu annwali.